MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2209/2003

**Casapinta Design Group Limited**

**vs**

**Telestarr Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm34.50) rappresentanti prezz ta' provizjon ta' ghamara u attrezzi utilizzati mis-socjeta konvenuta u fuq struzzjonijiet taghha stess, u dana in konnessjoni mal-Information and Technology Fair u l-Malta International Trade Fair 2002, skond fattura numru 7292.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 11 ta' Settembru 2003 u u bl-imghax legali mid-data tal-fattura

relattiva kontra s-socjeta konvenuta, li hija ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex s-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment bl-avviz kif korrett is-socjeta konvenuta naqset u ma dehitrx la fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erbgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm34.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------